# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 58**

**Rikors numru 437/16/1 LM**

**Lawrence Saliba, Giuseppe Saliba, George Saliba, Vincent Saliba, Lorenza *sive* Lorna Curmi, Mary Caruana, Antonella Montford, Lorraine Saliba, Saviour *sive* Sammy Saliba u Astrid Zahra**

**v.**

**Josephine Saliba**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-imħarrka Josephine Saliba minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru, 2017, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, sabet li t-testment pubbliku ta' Josephine Camilleri tat-13 ta' Mejju, 2014, fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna ma sarx fil-

preżenza ta' żewġ xhieda kif titlob il-liġi u li għalhekk ma kienx jiswa. Din il-kawża kienet miexja ma' oħra li tirrigwarda wkoll it-tħassir tal-imsemmi testment[1] li mis-sentenza tagħha wkoll tressaq appell li din il-Qorti qiegħda tiddeċidih illum;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*L-artikolu 655 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi:*
>
> > *"Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, it-testment pubbliku għandu jirċevih u jippubblikah nutar quddiem żewġ xhieda, bħal kull att nutarili ieħor, taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili ukoll għal dik li hi l-firma tat-testatur skont jekk dan jkunx jaf u jista' jikteb, jew le."*
>
> *L-artikolu 672 jipprovdi li n-nuqqas ta' tħaris tal-formalitajiet li jissemmew fl-artikolu 655 u oħrajn, jagħmel it-testment null.*
>
> *L-artikolu 40 tal-Kap. 55 jipprovdi li:*
>
> > *"Att notarili hu null jekk –*
> >
> > *Omissis...*
> >
> > *(e) jekk il-htiġijiet tal-artikoli 25(1),(2),(3),(4) u (5), 27, 28(1)(k) u 34 ma jkunux ġew imħarsa."*
>
> *L-artikolu 25(3)(ċ) tal-Kap. 55 jipprovdi wkoll li:*
>
> > *"25. (3) Il-preżenza ta' żewġ xhieda hija meħtieġa biss fil-każijiet li ġejjin:*
> > *(a) kull meta jitlob hekk xi wieħed mill-komparenti;*
> > *(b) kull meta xi wieħed mill-komparenti ma jafx kif jew ma jkunx jista' jiffirma ismu;*
> > *(ċ) f'każ ta' testmenti pubbliċi; u*
> > *(d) f'każ ta' att nutarili ta' kunsinna ta' testmenti sigrieti."*
>
> *Illi jirriżulta li din il-kawża ġiet istitwita mill-atturi wara li kien ta x-xhieda tiegħu Anthony Saliba, rappreżentant tal-MCAST, fil-proċeduri Rikors Maħluf Numru 93/2015LM, liema xhud kien ippreżenta l-attendance sheet ta' Stephen Cassar, li turi li fil-ħin li suppost Stephen Cassar kien qiegħed jagħmilha ta' xhud iż-Żejtun waqt il-pubblikazzjoni tat-testment pubbliku ta' Josephine Camilleri, skont l-attendance sheets*

[1] Rik. Nru. 93/15LM

*ta' fejn kien jaħdem, Cassar suppost li kien fuq il-post tax-xogħol tiegħu, l-MCAST.*

*Illi proprju llum stess, din il-Qorti kif preseduta tat sentenza fil-kawża Rikors Maħluf 93/2015LM, fejn ġie ddikjarat li Josephine Camilleri ma kinitx kapaċi tiddisponi b'testment minħabba li kienet qed tbati minn diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li għamlitha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-ħin li sar it-testment u minħabba f'hekk ordnat li jiġi revokat u mħassar l-imsemmi testment ta' Josephine Camilleri.*

*Illi għalhekk, ladarba l-imsemmi testment diġà ġie ddikjarat null permezz tal-imsemmija sentenza, ovvjament ma jistax jerġa' jiġi ddikjarat null b'din is-sentenza. Madankollu sabiex il-partijiet ikunu jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom fuq l-aspetti kollha tal-kawża sottomessi lill-Qorti, xorta waħda jrid jiġi deċiż jekk it-talbiet attriċi jimmeritawx li jiġu akkolti fit-totalità tagħhom jew in parte, jew jekk il-pretensjonijiet tal-atturi humiex tabilħaqq kapriċċjużi kif eċċepiet il-konvenuta.*

*Filwaqt li l-atturi qegħdin jallegaw in vista tax-xhieda ta' Anthony Saliba, rappreżentant tal-MCAST, illi Stephen Cassar ma kienx preżenti bħala xhud meta kienet qiegħda ssir il-pubblikazzjoni tat-testment ta' Josephine Camilleri, min-naħa l-oħra l-konvenuta ssostni abbażi tax-xhieda tan-nutar Tonna, tan-nutar Melanie Cassar Darmanin u tax-xhud Stephen Cassar innifsu, li l-imsemmi testment sar fil-preżenza ta' żewġ xhieda, Melanie Cassar Darmanin u Stephen Cassar. Dwar meta f'kawża jkun hemm żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin, ingħad:*

*...omissis...*

*Il-każ odjern jiċċentra tista' tgħid fuq il-kredibilità tax-xhieda. Fil-proċeduri odjerni x-xhud Stephen Cassar ittenta jagħti spjegazzjoni plawżibbli għad-diskrepanza bejn dak li ġie indikat minnu stess fuq l-attendance sheet tal-MCAST u dak li ntqal fl-ewwel kawża fix-xhieda tan-nutar Tonna, tan-nutar Cassar Darmanin u tal-istess Stephen Cassar, li Cassar kien preżenti meta sar it-testment tad-defunta Josephine Camilleri. Fil-proċeduri Rikors Maħluf Numru 93/15LM filwaqt li n-nutar Tonna kienet xehdet li dakinhar li kellhom imorru għand Josephine Camilleri biex tippubblika t-testment tagħha, lil Stephen Cassar kienet ġabritu mix-xogħol, in-nutar Melanie Cassar Darmanin xehdet illi n-nutar Tonna kienet ġabrithom mid-dar tagħhom għax kienet toqgħod Birkirkara viċin fejn joqogħdu huma. Jekk dak li qalet in-nutar Melanie Cassar Darmanin huwa minnu, Stephen Cassar ma setax kien l-MCAST u ffirma l-attendance sheet qabel ma għaddiet għalih in-nutar Tonna. Filwaqt li huwa veru dak li qal l-abbli avukat tal-konvenuta li fejn ikun hemm biss dubju dwar xi formalità ta' testment, dan għandu jimmilita favur il-validità tat-testment,[2] f'dan il-*

[2] **Leonard Abela et v. Saverina Sinagra et.** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' April, 2013.

*każ però l-Qorti ma għandhiex biss dubju iżda tinsab konvinta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet li Stephen Cassar ma kienx preżenti waqt il-pubblikazzjoni tat-testment tat-testatriċi u dan ibbażat fuq il-fatt li fir-rigward tad-dettalji dwar kif waslu fuq il-post fejn kienet toqgħod Josephine Camilleri, il-konjuġi Cassar ikkontradixxew lil xulxin.*

*Tqis illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, li t-talbiet attriċi f'din il-kawża huma għalkollox kontradittorji għat-talbiet proposti fil-kawża mill-istess atturi (Rikors Maħluf Nru 93/2015LM) ma treġġix, għax testment jista' jkun null għal raġunijiet differenti, fosthom fuq in-nuqqas ta' kapaċità tat-testatriċi li tiddisponi minn ġidha għal wara mewtha permezz ta' testment u fl-istess ħin l-istess testment jista' jkun ukoll afflitt minn difett ta' formalità li jġib in-nullità. Testment jista' jkun null għal diversi raġunijiet u jista' jiġi attakkat fuq il-validità intrinsika tiegħu kif ukoll fuq il-validità estrinsika tiegħu (il-vizzju fil-formalitajiet).*[3]

*Illi għalhekk it-tieni eċċezzjoni dwar il-kapriċċjożità tat-talbiet attriċi u l-ħames eċċezzjoni li din il-kawża hi fiergħa u illi għalhekk huma mistħoqqa d-doppio spese, m'għandhomx jintlaqgħu.*

*Illi fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif jirriżultaw kemm mill-provi miġbura fil-atti tar-Rikors Maħluf Numru 93/15LM u kemm mill-provi mressqin f'din il-kawża, il-Qorti tinsab konvinta fuq bażi ta' probabbilitajiet li Stephen Cassar ma kienx preżenti meta ġie ppubblikat it-testment ta' Josephine Cassar fit-13 ta' Mejju, 2017 fid-8.45am fejn kienet toqgħod iż-Żejtun, iżda ffirmah wara u mhux fil-preżenza ta' Josephine Camilleri.*";

3. Josephine Saliba (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellanti") appellat mill-imsemmija sentenza b'rikors imressaq fis-27 ta' Ottubru, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talbet lill-Qorti sabiex: "*tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-23 ta' Ottubru, 2017 profferita mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u dan billi filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-atturi tgħaddi biex takkolji l-eċċezzjonijiet tal-intimata appellanti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati*";

[3] P.A. fil-kawża fl-ismijiet ***John Pace v. Carmela Chircop,*** deċiża fl-**4 ta' Ġunju, 1964** (Kollez Vol: **XLVIII.ii.989**)

4. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin bħala "l-appellati") laqgħu għal dan billi permezz ta' risposta mressqa minnhom fil-20 ta' Novembru, 2017, fissru għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba u li b'hekk l-appell tal-imħarrka għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha;

5. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet li l-avukati tal-partijiet jiddikjaraw li ma kellhomx xi jżidu ma' dak li hemm fl-atti, kif ukoll rat l-atti kollha ta' din il-kawża u tal-kawża bin-numru 93/2015LM,[4] hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

6. B'din l-azzjoni l-atturi appellati li huma l-qraba kemm tal-imħarrka Josephine Saliba kif ukoll tal-mejta Josephine Camilleri (it-testatriċi), qegħdin jattakkaw is-siwi tal-uniku testment li ġie magħmul mill-istess Josephine Camilleri fit-13 ta' Mejju, 2014, u dan fuq ir-raġuni li skont l-istess atturi, it-testment sar mingħajr il-preżenza ta' żewġ xhieda u b'hekk kontra dak li kienet titlob il-liġi taħt piena ta' nullità;

[4] B'digriet mogħti fit-28 ta' Novembru, 2016, l-Ewwel Qorti ordnat li l-atti tal-kawża tar-rikors maħluf bin-numru 93/2015LM, fl-ismijiet *Angelo Saliba et v. Josephine Saliba,* jibdew jiffurmaw bħala parti mill-provi ta' din il-kawża. (paġna 22 tal-proċess).

7. Min-naħa l-oħra, l-appellanti, li tiġi n-neputija tat-testatriċi, laqgħet għax-xiljiet taz-zijiet u tal-kuġini tagħha billi qabel xejn ressqet id-difiża li t-talbiet tal-atturi huma għal kollox kontradittorji ma' dawk li tressqu minnhom stess fil-kawża bin-numru 93/2015LM, u dan għaliex ġaladarba li f'dik il-kawża kienu qed jattakkaw l-istess testment fuq in-nuqqas ta' kapaċità mentali tat-testatriċi, mela allura, l-atturi stess kienu qed jirrikonoxxu l-validità formali ta' dak it-testment. Fil-mertu, l-appellanti mbagħad warrbet il-pretensjonijiet tal-atturi u qisithom bħala 'kapriċċużi', għaliex mit-testment stess jirriżulta li dak l-att sar fil-preżenza ta' żewġ xhieda kif mitlub mil-liġi. Filwaqt li żiedet li l-pretensjonijiet tal-atturi mhumiex imsejsa fuq il-fatti kif ukoll fuq il-liġi, għalqet billi qalet li l-atturi ħaqqhom li jiġu kkundannati li jħallsu l-ispejjeż għal darbtejn u dan minħabba li fi kliemha l-azzjoni hija waħda fiergħa għal kollox;

8. Wara li l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima billi tat raġun lill-atturi, l-appellanti Josephine Saliba qegħda issa tressaq appell minn dik is-sentenza u dan fuq ir-raġuni li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi;

9. Filwaqt li l-appellanti tibda biex tagħraf li l-apprezzament tal-fatti huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-ġudikant u li bħala regola din il-Qorti ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni, madanakollu targumenta li dan jgħodd biss sakemm din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-konklużjoni milħuqa mill-

Ewwel Qorti kienet waħda lloġika. Tilmenta li, f'dan il-każ, l-apprezzament tal-provi li ġie mwettaq mill-Ewwel Qorti ma kienx wieħed tajjeb u ma jirriflettix sewwa l-provi li hemm fl-atti, u b'hekk qed tistieden lil din il-Qorti sabiex tistħarreġ dak l-apprezzament;

10. Fil-konkret, l-appellanti tgħid li mill-provi jirriżulta li kemm skont in-Nutar Tonna, kif ukoll mix-xhieda ta' Stephen Cassar u tan-nutar Melanie Cassar Darmanin, jirriżulta li dawn tal-aħħar marru fuq il-post bil-karozza tan-Nutar Tonna u li kienu tassew preżenti waqt li kien qed isir it-testment. Tgħid li dan kollu ġie kkonfermat bil-ġurament u tfakkar li x-xhud Stephen Cassar kien saħanistra kapaċi li jagħti deskrizzjoni tal-kamra fejn sar it-testment. Iżżid li Stephen Cassar stess ikkonferma li n-nutara kienet għaddiet għalih fuq ix-xogħol u li fl-aħħar mill-aħħar Anthony Saliba, li xehed bħala rappreżentant tal-MCAST, qal kif f'dak il-jum li fih sar it-testment, Stephen Cassar kien daħal ix-xogħol kwarta qabel u ħareġ tliet kwarti wara l-ħin regolari;

11. Fid-dawl ta' dan, tissottometti li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tillimita l-valutazzjoni tal-provi għal dak l-element waħdieni dwar minn liema post inġabru x-xhieda min-Nutar Tonna u tisħaq li, minflok, l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjonijiet tagħha fuq il-provi kollha li tressqu fl-atti. Iżżid li l-inkonsistenza fil-verżjoni li taw il-miżżewġin Cassar, dwar il-mod ta' kif inġabru min-Nutar Tonna, lanqas ma kellha twassal lill-Ewwel Qorti

biex tqis li kien hemm kunflitt tant qawwi li kellu jxejjen kull prova oħra, jew li agħar minn hekk, kellu jwassal biex ix-xhieda tan-nutar Tonna u ta' Stephen Cassar ma titwemminx. F'dan ir-rigward, tagħmel ukoll referenza għall-ġurisprudenza u filwaqt li targumenta li huwa wisq improbabbli li nutar tkun daqstant inġenwa li tkun lesta li tgħarraq il-professjoni tagħha billi tippubblika testment mingħajr il-preżenza ta' żewġ xhieda kif trid il-liġi, tgħid li f'kull każ, kull dubju kellu jmur favur is-siwi tat-testment u mhux bil-kontra. Tagħlaq billi tissottometti li f'dan il-każ, lanqas dan id-dubju ma jeżisti, u dan għaliex hemm biżżejjed provi fl-atti biex ixaqilbu l-miżien tal-kredibilità favur il-verżjoni ta' Stephen Cassar li kkonferma l-preżenza tiegħu waqt li kien qed isir it-testment;

12. Ikkonsidrat li l-qofol ta' dan l-appell jistrieħ sewwasew fuq il-kritika tal-proċess ta' apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti, jixraq li jibda biex jingħad li għalkemm li huwa minnu li fejn jidħlu lmenti ta' din ix-xorta, din il-Qorti ma tiddisturbax b'mod laxk l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti, l-ġurisprudenza l-aktar riċenti hija fis-sens li din il-Qorti tgawdi minn awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u mhux biss għandha kull setgħa li tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom il-Qorti tal-ewwel grad, iżda fuq kollox hija mgħobbija bid-dmir li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat, u dan irrispettivament mill-gravità tal-iżball[5]. Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ta'

[5] Ara ***Carmel Curmi v. Saviour sive Sammy Spiteri et.*** deċiża minn din il-Qorti fid-**29 ta' Marzu, 2023**. (App. Ċiv. 93/2016/1), §46.

***George Galea v. Maria Carmela sive Marica Baldwin***, xogħol il-Qorti fl-istħarriġ ta' aggravju ta' din ix-xorta, huwa proprju li: "*tara li bla ma tissostitwixxi l-fehma jew l-apprezzament tagħha tal-fatti mressqa, tqis jekk minn dawk il-provi l-ewwel Qorti setgħetx raġonevolment tasal għall-fehma li tkun waslet għaliha u jekk dik il-fehma hijiex kontradetta mill-provi li hija kellha jew jekk it-tifsir mogħti minnha għal dawk il-provi huwiex tali li persuna raġonevoli ma tasalx biex tagħmlu*"[6];

13. Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha li tressqu fl-atti u dan kemm fil-qafas tal-parametri li għadhom kif issemmew, kif ukoll fid-dawl tal-argumenti mressqa mill-appellati, il-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tal-appellanti huma tassew mistħoqqa;

14. Għalkemm huwa minnu li jista' jitqies li hemm inkonsistenza bejn ix-xhieda tan-Nutar Melanie Cassar Darmanin u dik ta' żewġha Stephen Cassar, u dan dwar il-post li minnu n-Nutar Tonna ġabret lil Stephen Cassar, madanakollu l-Qorti jidhrilha li fiha nfisha din l-inkonsistenza waħedha ma setgħetx raġonevolment titqies li kienet b'saħħitha biżżejjed sabiex ixxejjen il-bqija tal-provi li lkoll jippuntaw lejn il-fatt li Stephen Cassar kien tassew preżenti waqt li kien qed isir it-testment. Il-Qorti qed tasal għal din il-fehma fuq għadd ta' raġunijiet li ser ikunu qegħdin jiġu mfissra fil-paragrafi li jmiss;

[6] App. Ċiv. Nru. 90/14/1FDP, deċiża fil-**11 ta' Ottubru 2022**, §16.

15. Jixraq li jibda biex jiġi osservat li, sa mill-bidu nett tal-kawża bin-numru 93/2015 li kienet miexja ma' din, u qabel biss ma kellha xi ħjiel li seta' kien hemm xi kontestazzjoni dwar il-validità formali tat-testment, in-Nutar Anne Marie Tonna fissret li fil-għodwa li fiha sar it-testment li wassal għal din it-tilwima, hija kellha fil-karrozza magħha liż-żewġ xhieda Melanie Cassar Darmanin u żewġha Stephen Cassar, u wara li ltaqgħet mal-konvenuta Josephine Saliba ħdejn il-venda li hemm viċin l-uffiċju tagħha fiż-Żejtun, hija saqet wara l-istess Josephine Saliba sabiex setgħet issib il-post fejn kienet toqgħod it-testatriċi[7]. Ta' min jgħid ukoll li l-istess sekwenza tal-fatti hekk kif imfissra min-Nutar Tonna, ġiet imtennija mill-konvenuta Josephine Saliba, li fis-seduta tal-1 ta' Ġunju, 2016, u sewwasew jum biss wara li nbdiet din il-kawża, u għalhekk fi żmien li fih Josephine Saliba wisq probabbli kien għadha lanqas taf b'din il-kawża[8], din ikkonfermat kif ix-xhieda Stephen Cassar u Melanie Cassar Darmanin kienu flimkien man-nutar Tonna li ltaqgħet magħhom bil-karozza f'post viċin l-uffiċju li fih kienet tpoġġi fih l-istess nutar ġewwa ż-Żejtun[9];

---

[7] Ara x-xhieda tan-Nutar Anne Marie Tonna, mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' April, 2015, f'paġna 52 tal-proċess bin-numru 93/2015. B'mod partikolari, għall-mistoqsija: *"[m]eta tgħid iltqajna min kontu?"*, din wieġbet: ***"[g]ħax fil-karozza kelli miegħi lil Melanie u lil Steve jiġifieri, morna b'karozza waħda u ltqajna bil-karozza****, soqt warajha għax jiena dan il-post żgur ma kontx insib fejn qiegħed jiġifieri. Soqt warajha u morna hemmhekk, wasslitna sal-post, ipparkjajna, Josephine niżlet fetħitilha, ipparkjajna barra, hemm qisu sqaq biex tidhol, dħalna f'dan l-isqaq, fetħitilna".*

[8] Ara t-timbru tal-Marixxall Raymond Borg f'paġna 13 tal-proċess bin-numru 437/2016, li juri li Josephine Saliba ġiet notifikata bir-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża fil-15 ta' Lulju, 2016.

[9] Ara x-xhieda ta' Josephine Saliba, mogħtija waqt is-seduta tal-1 ta' Ġunju, 2016, f'paġna 280 tal-proċess bin-numru 93/2015. Għall-mistoqsija: *"[l]ix-xhieda min urihom it-triq?",* Josephine Saliba wieġbet li: ***"[f]limkien kienu x-xhieda u n-nutara****".* Barra minn hekk, għall-mistoqsija *"[k]if iltqajtu kollha, inti, in-nutara u x-xhieda?",* Josephine Saliba wara li rreferiet għal post viċin l-uffiċċju tan-Nutar Tonna fiż-Żejtun, wieġbet li *"[k]ienu hemmhekk, jien mort nistennihom hemmhekk u ġew hemmhekk* ***in-nutara u x-xhieda, flimkien kienu****."*

16. Mhux anqas relevanti hija mbagħad ix-xhieda ta' Stephen Cassar stess li mhux biss ikkonferma bil-ġurament tiegħu li huwa kien preżenti fir-residenza tat-testatriċi waqt li kien qed isir it-testment, iżda aktar minn hekk, u sa qabel ma tressqet din il-kawża, huwa kien diġà xehed b'tali mod li kien jaqbel eżatt ma' dak li xehdu n-Nutar Anne Marie Tonna[10] u martu Melanie Cassar Darmanin[11], u dan fl-istess seduta. Pereżempju, bħan-Nutar Tonna, ix-xhud Stephen Cassar fisser li huma kienu sabu lit-testatriċi tistennihom bilqegħda fuq siġġu mal-mejda f'kamra li kellha kollox fiha[12], u li t-testatriċi kienet fissritilhom ix-xewqa li tħalli lin-neputija tagħha bħala l-werrieta tagħha għaliex kienet hi li tieħu ħsiebha[13];

17. Filwaqt li huwa minnu li wieħed jista' jargumenta li Stephen Cassar kien kapaċi jagħti l-istess verżjoni li tat martu u n-Nutar Tonna għaliex dawn setgħu kienu miftiehma dwar il-verżjoni tal-fatti li ser jirrakkontaw, madankollu din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan huwa l-każ u dan għaliex l-istess xhud kien kapaċi jsemmi ċertu rqaqat li huwa bil-wisq improbabbli li ntqalulu minn martu jew min-Nutar Tonna jekk huwa nnifsu ma kienx fil-post. Pereżempju, fis-seduta tas-17 ta' April, 2015, u qabel biss ma kien hemm xi suspett li dak ix-xhud seta' ma kienx preżenti waqt it-testment,

[10] Ara x-xhieda tan-Nutar Anne Marie Tonna, minn paġna 52 tal-proċess bin-numru 93/2015 'il quddiem.
[11] Ara x-xhieda tan-Nutar Melanie Cassar Darmanin, minn paġna 65 tal-proċess bin-numru 93/2015 'il quddiem.
[12] Ara x-xhieda ta' Stephen Cassar, li ġiet mogħtija waqt is-seduta miżmuma fis-17 ta' April, 2015, f'paġna 73 tal-proċess bin-numru 93/2015.
[13] *Ibid*. f'paġna 72 tal-proċess bin-numru 93/2015.

Stephen Cassar kien saħansitra semma x'kienet id-ditta tal-karozza li biha Josephine Saliba kienet iltaqgħet magħhom biex turihom fejn kienet toqgħod it-testatriċi[14]. Fil-fehma tal-Qorti, evidenza ċirkostanzjali ta' din ix-xorta tkompli xxaqleb il-miżien favur il-veraċità tal-verżjoni tax-xhud Stephen Cassar;

18. Għandu wkoll jingħad li għalkemm Stephen Cassar reġa' xehed f'din il-kawża, huwa bl-ebda mod ma kkontradixxa dak li tenna fl-ewwel seduta, anzi dan ix-xhud kompla jfisser li dakinhar tat-testment, huwa kien talab il-permess minn ta' fuqu biex ikun jista' joħroġ xi siegħa minn fuq il-post tax-xogħol għall-qadja u mbagħad ipatti għal dak il-ħin li kien ser jitlef f'ħin ieħor.[15] Tajjeb li jiġi wkoll osservat li minkejja li fit-tweġiba għall-appell, l-atturi appellati qegħdin iressqu l-argument li l-appellanti mank biss ħarrket bħala xhud lid-direttur tar-riżorsi umani tal-MCAST jew inkella lil xi kollega ta' Stephen Cassar sabiex jikkonferma l-verżjoni ta' dan tal-aħħar, il-Qorti jidhrilha li f'każ bħal dan, kien jaqa' fuq spallejn l-atturi stess li jressqu provi b'saħħithom biżżejjed biex jikkontradixxu dak li ġie mistqarr minn Stephen Cassar, u l-bqija tax-xhieda bħan-Nutar Tonna, mart Stephen Cassar u l-konvenuta Josephine Saliba. L-appellati mank biss għamlu xi kontroeżami lil Stephen Cassar fuq dak li xehed dwaru fis-seduta tat-3 ta' April 2017, u wisq anqas ma ressqu xi xhud li

[14] *Ibid.* f'paġna 70 tal-proċess bin-numru 93/2015 Stephen Cassar huwa rreġistrat jgħid li: *"bqajna sejrin x'imkien fl-imwarrab lejn iż-Żejtun, **niftakar kellha karozza Kia**"*

[15] Ara x-xhieda ta' Stephen Cassar, mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju, 2017, f'paġna 27 tal-proċess bin-numru. 437/2016.

xejjen dak li xehed Stephen Cassar. Il-Qorti ma ssib għalhekk l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex temmen li Stephen Cassar kien tassew ingħata l-permess sabiex joħroġ siegħa minn fuq il-post tax-xogħol u jpatti għal dak il-ħin f'ħin ieħor;

19. Fuq kollox, u għall-kuntrarju għal dak li qed jgħidu l-appellati, Anthony Saliba, bħala rappreżentant tal-MCAST, fisser ukoll li għalkemm ma kinitx xi 'prassi normali', il-ħaddiema tal-MCAST verament setgħu joħorġu minn fuq il-post tax-xogħol għal xi qadjiet, u mbagħad ipattu għal dak il-ħin li tilfu b'ħin ieħor, sakemm kien ikollhom il-permess mid-'*direct line manager*' tagħhom[16]. B'mod partikolari, l-istess xhud fisser ukoll kif fil-jum tat-13 ta' Mejju, 2014, u sewwasew dakinhar li fih sar it-testment li wassal għal din it-tilwima, Stephen Cassar kien ħadem siegħa aktar milli suppost kellu jaħdem, u dan billi: "***kien kwarta qabel żgur u ħareġ fil-ħamsa u nofs u ħamsa jiġifieri qabeż il-ħin qisu b'xi tlett kwarti***"[17]. Ix-xhieda li tinsab fl-atti hija għalhekk b'tali mod li ssaħħaħ dak li qal ix-xhud Stephen Cassar, u mhux bil-kontra;

20. Meħud qies ta' dan kollu, il-Qorti jidhrilha li jekk jista' jingħad li hemm xi inkonsistenza bejn ix-xhieda ta' Melanie Cassar Darmanin u żewġha, din hija biss dwar il-post ta' minn fejn in-Nutar Tonna ġabret lil

---

[16] Ara x-xhieda ta' Anthony Saliba, mogħtija fis-seduta tat-3 ta' April, 2017, f'paġna 29 tal-proċess bin-numru 437/2016.
[17] *Ibid.* f'paġna 31 tal-proċess bin-numru 437/2016.

Stephen Cassar. Mill-bqija din il-Qorti ma ssib l-ebda diverġenza bejn ix-xhieda tal-miżżewġin Cassar u partikularment, dwar il-mod ta' kif dawn waslu fil-post fejn kienet toqgħod it-testatriċi Josephine Camilleri. Kemm hu hekk, kemm Melanie Cassar Darmanin[18] kif ukoll żewġha[19] stqarrew li huma marru fir-residenza tat-testatriċi bl-istess karozza tan-Nutar Tonna, u għalhekk l-Ewwel Qorti lanqas ma setgħet tgħid li l-miżżewġin Cassar "*ikkontradixxew lil xulxin*", u dan "*fir-rigward tad-dettalji dwar kif waslu fuq il-post fejn kienet toqgħod Josephine Camilleri*";

21. Fil-qafas ta' dan kollu, din il-Qorti, filwaqt li tista' tifhem li l-Ewwel Qorti seta' forsi daħlilha xi dubju f'moħħha meta osservat l-inkonsistenza bejn ix-xhieda tal-miżżewġin Cassar u dan dwar il-post ta' minn fejn in-Nutar Tonna ġabret lil Stephen Cassar, madanakollu dan id-dubju ma setax ikun b'saħħtu biżżejjed biex raġonevolment jissawwar f'xi ċertezza morali f'moħħ dik il-Qorti li x-xhieda kollha li setgħu jixhdu dwar din il-kwistjoni, u sewwasew in-Nutar Anne Marie Tonna, in-Nutar Melanie Cassar Darmanin, Stephen Cassar, u l-appellanti Josephine Saliba, kienu lkoll qegħdin jigdbu għaliex Stephen Cassar ma kienx preżenti waqt il-pubblikazzjoni tat-testment li wassal għal din it-tilwima;

[18] Ara x-xhieda tan-Nutar Melanie Cassar Darmanin f'paġna 66 tal-proċess bin-numru 93/2015.
[19] Ara x-xhieda ta' Stephen Cassar, f'paġni 70 tal-proċess bin-numru 93/2015, u 27 tal-proċess bin-numru 437/2016.

22. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Leonard Abela et. v. Saverin Sinagra et.***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-**8 ta' April, 2013**, f'każijiet li fihom ikun qed jitqajjem xi dubju dwar is-siwi ta' testment minħabba xi nuqqas ta' formalità, il-preżunzjoni għandha dejjem tkun li l-formalitajiet meħtieġa mil-liġi jkunu ġew imħarsa u mhux bil-kontra. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, l-atturi appellati ma ressqux provi b'saħħithom biżżejjed biex jegħelbu din il-preżunzjoni, u għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell ta' Josephine Saliba jixraqlu jintlaqa';

23. Fuq nota aħħarija, u sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti rat li minkejja li fit-talba finali tagħha l-appellanti qed titlob lil din il-Qorti sabiex iddawwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tilqa' l-eċċezzjonijiet li ġew imqajma minnha fit-tweġiba maħlufa tagħha tat-18 ta' Lulju, 2016,[20] madanakollu fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanti naqset milli tressaq xi argumenti speċifiċi għalfejn din il-Qorti għandha tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tagħha, li fiha ġie mqajjem l-argument li t-talbiet hekk kif imressqa f'din il-kawża huma kontradittorji għal kollox ma' dawk li tressqu fil-kawża bin-numru 93/2015. Daqstant ieħor, l-appellanti lanqas ma ressqet xi argumenti partikolari għalfejn din il-Qorti għandha tilqa' r-raba' eċċezzjoni tagħha li fiha tressaq l-argument li x-xorta ta' azzjoni li ġiet imnedija mill-atturi "*mhix dik idoneja*". Fl-aħħar nett, il-Qorti lanqas ma jidhrilha li l-azzjoni tal-atturi kienet xi waħda fiergħa għal kollox bħalma ġie eċċepit fil-ħames

[20] Ara t-tweġiba maħlufa tal-appellanti, f'paġna 14 tal-proċess bin-numru 437/2016.

eċċezzjoni u dan għaliex il-fatt innifsu li, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-atturi ma seħħilhomx li jippruvaw il-każ tagħhom, ma jfissirx li din l-azzjoni tressqet b'xi kapriċċ jew għall-għanijiet ta' pika jew inkejja;

***Decide:***

24. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**tilqa' l-appell** ta' Josephine Saliba u b'hekk qed tħassar għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 t'Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi u filwaqt li tilqa' f'parti t-tieni eċċezzjoni sa fejn intqal li t-testment li tiegħu l-atturi talbu n-nullità sar fil-preżenza ta' żewġ xhieda kif titlob il-liġi, tilqa' wkoll ir-raba' eċċezzjoni u **tiċħad** it-talbiet kollha tal-atturi, **bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr